A.L. 238 ta' l-2003

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regolamenti ta' l-2003 dwar Amalgamazzjonijiet, Diviżjonijiet, Trasferimenti ta' Attiv u Skambji ta' Azzjonijiet

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikoli 27A u 96 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u dhul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar Amalgamazzjonijiet, Diviżjonijiet, Trasferimenti ta' Attiv u Skambji ta' Azzjonijiet.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

Direttiva jkollha seħħ.

2. Id-Direttiva tat-23 ta' Lulju, 1990 addotata mill-Kunsill tal-Komunitajiet Ewropew fuq is-sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-amalgamazzjonijiet, diviżjonijiet, trasferimenti ta' attiv u skambji ta' azzjonijiet fil-każ ta' kumpanniji ta' Stati Membri differenti (90/434/EEC) għandha jkolla seħħ għar-rigward ta' l-Atti dwar it-Taxxi.